FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

## Seduta ta' nhar It-Tnejn 15ta' April , 2002

**Avviz Nru:385/02 PM**

**Gasan Mamo Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Dominic Mercieca**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' mija u erbatax il-Lira Maltin u 50 centezmu rappezentanti l-ammont ta' danni li soffrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura numru DBF 293 fit-2 ta' April, 2000 gewwa l-Buskett habat mal-vettura numru RJR 131 prioprjeta' ta' Roberto Ragonesi u kkaguna danni f' din l-istess vettura. Dan l-incident huwa ghalih

unikament reponsabbli il-konvenjut stantec li s-sewqan tighu kien b wiehed negligenti u traskurat;

Bl-ispejjes komprisi dawk ta' ittra ufficjali datata 18 ta' Awissu, 2000, tal-parir, tmintax il-Lira (Lm18.00) kontra l-konvenut u ta' ittra Ufficjali ohra pprezentata kontestwalmenmt ma' dan l-Avviz kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut bl-imghax kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Ra n-nota ta' amissjoni pprezentata llum seduta stante.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif dedotta bl-ispejjez u bl-interessi skond il-Ligi.

**Dr.Philip Manduca L.L.D.**

**Gudikatur**